MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2012

Avviz Numru. 8/2012

**Perit Arkitett Tancred Mifsud**

**vs**

**Cornelius Petrus sive Neels Pretorius**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors promoturipprezentat mir-rikorrent fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar id-disgha (9) ta’ Jannar 2012, fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ erbat elef, mija, tnejn u erbghin Ewro u erbghin centesmu (€4,142.40) rapprezentanti bilanc dovut mill-konvenut lill-attur minn somma akbar dovuta lilu rapprezentanti drittijiet professjonali u spejjez inkorsi mill-istess attur in dizimpenn ta’ inkarigu lilu moghti b’rabta ma proprjeta’ mmobbli fil-Wardija.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali dekorribli mill-ewwel (1) ta' Ottubru, 2011, sal-jum tal-pagament effettiv kontra l-konvenut, li huwa minn issa ingunt in subizzjoni.

Il-Qorti rat li l-konvenut kien debitament notifikat biex jattendi l-Qorti u bir-rikors promotur permezz ta' notifika li saret nhar l-10 ta' Mejju 2012 fir-residenza imsemmija fir-rikors promotur kif ukoll fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Gharghur u fil-Kunsill Lokali tal-Gharghur u dan skond it-timbru tal-Marixxall Eugenio Mallia a fol 11 tergo.

Rat ukoll illi l-konvenut gie notifikat permezz ta' avviz li deher fil-gazzetta tal-Gvern ta' Malta tat-18 ta' Mejju 2012 kif jirrizulta minn fol 10 tal-process.

Rat ukoll li l-konvenut gie notifikat permezz ta' estratt li sar minn pubblikazzjoni tal-gazzetta lokali imsejha "The Times" nhar it-18 ta' Gunju 2012.

Rat illi fis-seduta tas-27 ta' Gunju 2012 il-konvenut naqas li jidher wara li gie imsejjah u f'dik l-istess seduta Dr. Mark Simiana ghall-attur ipprezenta kapitolu.

Rat illi fis-seduta ta' l-4 ta' Lulju 2012 il-konvenut imsejjah in subizzjoni ma deherx.

Semghet lill-avukat difensur jghid illi l-konvenut baqa' inadempjenti u ma hallasx l-ammont dovut u ghalhekk thoss illi t-talba attrici hija gustifikata u ghandha tigi milqugha.

**Il-Qorti ghalhekk qeghda tilqa' it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' erbat elef, mija, tnejn u erbghin Ewro u erbghin Ewro centezmu (€4,142.40) bl-ispejjez u bl-imghax kif mitlub fir-rikors promotur, liema spejjez jithallasu mill-istess konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------